C/2025/6378

25.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12238 — DEVA CAPITAL / NOVARES GROUP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6378)

1. Fl-14 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Deva Capital Investment Company S.LU. ("Deva Capital", Spanja), sussidjarja kollha kemm hi ta' Banco Santander S.A (Spanja),

— Novares Group SAS A ("Novares Group", Franza).

Deva Capital se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Novares Group.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' kuntratt.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Deva Capital hija kumpanija Spanjola ffukata fuq investimenti alternattivi,

— Novares Group huwa manifattur Franċiż ta' partijiet tal-karozzi. Dan huwa fornitur globali ta' soluzzjonijiet tal-plastik li jiddisinja u jimmanifattura komponenti u sistemi għall-industrija tal-karozzi. Novares Group jiżviluppa u jipproduċi soluzzjonijiet awtomobilistiċi avvanzati b'injezzjoni teknika tal-plastik u jipprovdi għarfien espert fl-inġinerija u fil-manifattura lill-fabbrikant tat-tagħmir oriġinali u lill-klijenti tal-Livell 1 fis-suq awtomobilistiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [2] għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12238 — DEVA CAPITAL / NOVARES GROUP

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.